MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 372/2009/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Christopher Vella Petroni u Carolina Bianco**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-HSBC Bank Malta p.l.c. fit-18 ta' Gunju 2010, permezz ta' liema jitlob lil din il-Qorti sabiex ai termini ta' l-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tghaddi ghad-decizjoni fir-rigward tat-talba ghall-ispejjez kontenuta fl-Avviz fl-ismijiet premessi, u dana wara li tikkonsidra l-ammissjoni ta' Christopher Vella Petroni u Carolina Bianco ghat-talbiet tal-Bank attur kif dedotti fl-imsemmi Avviz;

Rat id-Digriet Taghha ta' l-24 ta' Gunju 2010 fejn a tenur ta' l-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, appuntat ir-Rikors ghas-smigh ghal nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2010

fid-9:30a.m. u ordnat li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid sabiex jidhru quddiemha;

Rat illi kemm Christopher Vella Petroni kif ukoll Carolina Bianco gew debitament imharrkin mill-gdid sabiex jidhru quddiem il-Qorti izda, naqsu milli jidhru u ma ikkontestawx it-talba tal-Bank kif dedotta fir-Rikors ipprezentat fit-18 ta' Gunju 2010;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. v. Christopher Vella Petroni et" Avviz Nru. 372/09, liema kawza giet deciza b'sentenza pronuncjata minn din il-Qorti fl-4 ta' Gunju 2010 u rat ukoll l-istess imsemmija sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' Avviz bin-Numru 372/09 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. v. Christopher Vella Petroni u Carolina Bianco", il-Bank attur talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh is-somma komplessiva ta' erbat elef tlett mija tlieta u sittin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€4,363.84) u cioè in kwantu ghal tlett elef seba' mija tmienja u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€3,738.75) rapprezentanti kapital mghoddi u misluf lill-konvenuti u kwantu ghal sitt mija hamsa u ghoxrin Euro u disa' centezmi (€625.09) rapprezentanti interessi già inkorsi bir-rata ta' 8% sat-22 ta' Lulju 2009, dovuti fuq il-kont bin-numru 061-153094-340 già bin-numri 061-153094-001 u 611018207 mal-fergha tal-Bank attur tal-Mosta, u dan a tenur ta' *sanction letter* annessa ma' l-Avviz, oltre imghaxijiet ulterjuri dekorribbli mit-23 ta' Lulju 2009 bir-rata ta' 8% sad-data ta' l-effettiv pagament; bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz tal-Bank attur u entrambe ammettew ghat-talbiet attrici[1]. Fid-dawl ta' l-ammissjoni da parte tal-konvenuti l-Qorti ppronuncjat sentenza fl-4 ta' Gunju 2010 bis-sahha ta' liema laqghet it-talbiet tal-Bank attur u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-

[1] Vide verbal tas-27 ta' Novembru 2009 a fol.17 tal-process u Nota ta' ammissjoni a fol.23 tal-process.

Bank attur is-somma ta’ erbat elef tlett mija tlieta u sittin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€4,363.84), bl-imghaxijiet ulterjuri dekorribbli mit-23 ta’ Lulju 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Il-Bank attur istitwixxa l-procedura odjerna a tenur ta’ l-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta billi fis-sentenza imsemmija ta’ l-4 ta’ Gunju 2010, ghalkemm il-Qorti laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti jhallsu s-sorte mitluba u l-imghaxijiet ulterjuri dekoribbli mit-23 ta’ Lulju 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament, naqset milli tiddeciedi dwar it-talba ghall-hlas ta’ l-ispejjez giudizzjarji.

L-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li meta Qorti ta’ l-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda it-talbiet proposti, ma jinghatax appell *ab omissa decisione* izda, kull wahda mill-partijiet tista’, fi zmien hmistax-il gurnata minn dakinhar tas-sentenza, permezz ta’ rikors, titlob lil dik il-Qorti li taqta’ tali talba u dana wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid. F’tali kaz, iz-zmien ghall-appell mis-sentenza kollha jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dakinhar ta’ l-ahhar decizjoni.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-Bank attur ipprezenta r-Rikors tieghu entro t-terminu prefiss mill-Ligi u jirrizulta wkoll li l-partijiet gew imharrkin mill-gdid biex jergghu jidhru quddiem din il-Qorti. Il-konvenuti ghalkemm debitament imharrkin naqsu milli jidhru quddiem il-Qorti u lanqas ma ressqu ebda opposizzjoni ghat-talba tal-Bank attur kif dedotta fir-Rikors tieghu tat-18 ta’ Gunju 2010.

Fil-fehma tal-Qorti t-talba tal-Bank attur hija gustifikata billi filwaqt li fl-Avviz promotur il-Bank attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal dawk il-proceduri u l-istess konvenuti ammettew it-talbiet attrici, fis-sentenza Taghha ta’ l-4 ta’ Gunju 2010 il-Qorti naqset milli taghti decizjoni dwar tali talba.

Ghaldaqstant, it-talba tal-Bank attur kif dedotta fir-Rikors ipprezentat fit-18 ta’ Gunju 2010 qed tigi milqugha u b’hekk tiddeciedi ulterjorment ghas-sentenza fl-ismijiet

"HSBC Bank Malta p.l.c. v. Christopher Vella Petroni et" Avviz Nru. 372/09, billi tiddikjara u tiddeciedi li l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghall-imsemmija proceduri ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-procedura odjerna istitwita a tenur ta' l-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------